# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 443/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Carlos Cordina)

vs

**Kevin Cassar**

iben Arthur, imwieled Pieta', fit-2 ta' Jannar, 1970, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 43270(M)

Illum, 12 ta' Gunju, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Kevin Cassar quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), talli f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

1. Fit-30 ta` Novembru, 2012, ghal habta tal-hamsa ta` filghaxija (5:00pm), minn Triq id-Dejqa, Valletta, ikkommetta serq ta` tlett mitt ewro (€300) fi flus kontanti, ikkwalifikat bil-valur, bil-hin u bil-lok u li sar ghad-deteriment ta` John Paul Mifsud detentur tal-Identita` 312588 (M);

2. Fis-6 ta` Ottubru, 2012, ghal habta tas-siegha nieqes ghaxra ta` filghaxija (12:50pm) mill-inhawi ta` Bieb il-Belt, Valletta, ikkommetta serq ta` apparat elettroniku cioe` mobile, tal-marka HTC u ta` kulur iswed, liema serq jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur u bil-lok u li sar ghad-deteriment tal-minuri Kevin Magri detentur tal-Karta tal-Identita` 535895 (M);

3. Fis-26 ta` Ottubru, 2012, ghal habta tan-nofs siegha ta' wara nofs in-nhar (12:30pm), min Triq Id-Dejqa, Valletta, ikkommetta serq ta` apparat elettroniku, cioe` mobile tal-marka HTC u ta` kulur iswed, liema serq ma jeccedix l-ammont ta` mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghad-deteriment tal-minuri Kevin Magri detentur tal-Karta tal-Identita` numru 535895 (M);

4. Fit-3 ta` Ottubru, 2012, ghal habta tal-ghaxra u nofs ta` filghodu (10:30am), minn gewwa l-hanut bl-isem ta` *Harmony Snack Bar* li jinsab fi Pjazza San Kalcidonju, Furjana, ikkommetta serq ta` ghaxar (10) pakketti ta` sigaretti, ta` marka *Rothmans*, liema serq ma jeccedix l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u ghalhekk ikkwalifikat bil-lok u li sar ghad-deteriment ta` Steve Bezzina detentur tal-Karta tal-Identita` 506787 (M);

5. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, laqa` ghandu, jew xtara hwejjeg misruq, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

U Kevin Cassar gie akkuzat aktar talli kkommetta reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija fil-perjodu operattiv ta` sentenza sospiza moghtija nhar it-12 ta` April, 2011, mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli, LL.D.

Talli rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u ma jistghux jinbiddlu a tenur tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Ottubru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat

l-artikoli 261 (b) (c) (e) (f), 262, 267, 269 (a), 270, 334, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta sabet lill-imputat hati u kkundannatu ghal (4) snin prigunerija effettiva.

Rat ir-rikors tal-appellant Kevin Cassar tal-21 ta' Ottubru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tikkonferma l-htija ta' l-akkuzi, filwaqt taghti sentenza aktar ekwa u gusta.
Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamiltx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatt lil-appellant ghandu problemi partikolari u hemm bzonn kura 'taylor made' ghalih. Fil-fatt ma kienx kaz li ma ried jirranga hajtu ghaliex jixtieq izda hemm diffikultajiet reali fosthom medici.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwrda l-fatt li l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatt li l-appellant ghandu problemi partikolari dwar il-vizzju tad-droga. Hu qed jilmenta li ma tfassalx programm 'taylor made' ghalih.

Illi minn analizi tal-provi li gew mressqa quddiem l-ewwel Qorti jirrizulta ampjament li fil-fatt sar minn kollox biex l-appellant ikollu l-ghajnuna kollha tal-kaz. Fil-fatt hu beda fit-triq it-tajba izda hu ma apprezzax il-fatt li l-ewwel Qorti kien ferm indulgenti mieghu u tatu opportunita' unika biex isolvi l-problemi tieghu. Hu ma ghandhux jilmenta meta l-ewwel Qorti finalment imponiet sentenza ta' erba' snin prigunerija ghal semplici fatt li hu ta bis-sieq dak li ghamlet mieghu l-ewwel Qorti.

Illi madankollu, f'sens ta' liberalita' u fit-tama li l-appellant jirriforma hajtu din il-Qorti ser tnaqqas il-piena tieghu.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tikkonferma fil-meritu s-sentenza appellata u qed tichad l-appell ta' Kevin Cassar.  Dwar il-piena.  Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tikkundanna lill-appellant ghal piena ta' sentejn prigunerija.